# JAHVEH!

*Ta' ERIN SERRACINO-INGLOTT*

Int, li minn dejjem Int, kollox issawwar,
u b'kulma trid li jsir toqgħod tithenna;
Int għal seteghtek sħiħa qed iddawwar
id-dinja u l-ħlejjaq, imħarsin u mkenna:

Il-lejl bid-dlam, in-nhar bid-dawl ridt tfawwar;
liż-żmien tajt tmiem, għanejt bid-dwiem il-Ġenna:
u ma tidhirx u kollox tara, tqawwar
u ssuq bla ma titħarrek jew tistenna!

Int timla kullimkien! Sew barra u ġewwa
tinsab bis-sħiħ f'wesgħatek u fi rkanek!
U mimli mħabba u ħniena u maħfra u ħlewwa!

U nnifsek fik u bik lilek tistagħnek!
Nitolbok, jekk m'għaraftx inħobbok sewwa,
Aħfirli . . . . u, xħin trid Int, ħudni fi ħdanek!

8-3-67.